

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali u l-aspettattivi leġittimi tar-rikorrenti.

- L-att ikkонтestat ma jinkludi l-ebda referenza jew ċitazzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni legali, li tawtorizza lill-konvenuta taġixxi kif għamlet.
- Huwa sostnut ukoll li l-att ikkонтestat jikser l-aspettattivi leġittimi tar-rikorrenti sa fejn huwa intiż li jidderoga mill-istadji legali u proċedurali espliċitament previsti mir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali, b'mod partikolari fir-rigward tat-termini obbligatorji indikati fi.
- L-att ikkонтestat jikser ukoll l-aspettattivi leġittimi tar-rikorrenti sa fejn id-dokument imsemmi mill-konvenuta, bħala ġustifikazzjoni tal-att, fil-fatt jikkonċerna proċeduri u sitwazzjonijiet, li huma irrilevanti għas-sitwazzjoni tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti tilmenta wkoll li l-att ikkонтestat joħloq inċertezza legali għall-operaturi.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta trtrattat lir-rikorrenti b'mod diskriminatorju.

- Huwa sostnut li l-att ikkонтestat ikollu l-effett li jissuġġetta lir-rikorrenti għal rekwiżiti proċedurali u dewmien, li ma ġewx imposti fuq terzi f'sitwazzjonijiet simili.
- L-att ikkонтestat iwassal għall-ksur tad-drittijiet esklużivi tar-rikorrenti fuq informazzjoni protetta u għall-użu ta' din l-informazzjoni għall-benefiċċju ta' terzi mingħajr kumpens finanzjarju, liema konsegwenza ma ġietx imposta fuq terzi f'sitwazzjonijiet simili.
- Barra minn hekk, ir-rikorrenti tilmenta li l-informazzjoni kummerċjali inkluża fil-fajl tas-sustanza attiva tagħha ngħataf lil terzi mingħajr awtorizzazzjoni u mingħajr il-protezzjoni ta' ftehim ta' kunfidenzjalità, liema konsegwenza ma ġietx imposta fuq terzi f'sitwazzjonijiet simili.
- 4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-att ikkонтestat naqas milli jagħti r-raġunijiet peress li ma indikax, b'mod ċar u inekwivoku, ir-raġunament segwit mill-Aġenzija, b'tali mod li r-rikorrenti tkun taf ir-raġunijiet għall-miżura u l-qorti kompetenti twettabaq l-istħarriġ tagħha.
- 5. Il-ħames motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li bl-adozzjoni tal-att ikkонтestat il-konvenuta kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità peress li dan l-att ma jimplimentax il-miżuri xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi mfittxija minnu u jmur lil hinn minn dak li huwa neċċesarju sabiex dawn jintlaħqu.

 - Barra minn hekk, huwa sostnut li l-miżuri li jirriżultaw mill-att ikkонтestat ma jikkostitwixx dawk l-inqas onerużi sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija minnu.

(¹) Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU 2012, L 167, p. 1, rettifikasi fil-ĠU 2017, L 280, p. 57).

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Marzu 2021 – JS vs EDPS

(Kawża T-200/21)

(2021/C 217/77)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: JS (rappreżentanti: L. Levi u A. Champetier, avukati)

Konvenut: Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġeneralji jogħġgobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-KEPD tat-18 ta' Jannar 2021 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent;

- tannulla wkoll, u sa fejn meħtieġ, id-deċiżjoni tal-KEPD tad-9 ta' Marzu 2021 li tiċħad it-talba għal reviżjoni ta' dik id-deċiżjoni inizjali;
- tordna kumpens għad-dannu mgħarrab;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed, li jallega ksur tal-Artikoli 4(1), 5, 19, 20 u 23 tar-Regolament Nru 2018/1725 (¹), tal-prinċipji ta' nécessità u proporzjonalità, u tal-Artikoli 8 u 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unj oni.

(¹) Regolament (UE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, ufficiċċi u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU 2018, L 295, p. 39).

Rikors ippreżzentat fis-6 ta' April 2021 – Covington & Burling and Van Vooren vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-201/21)

(2021/C 217/78)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Covington & Burling (Saint-Josse-ten-Noode, il-Belġju) u Bart Van Vooren (Meise, il-Belġju) (rappreżentant: P. Diaz Gavier, lawyer)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti jitkolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġogħobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Marzu 2021 li tirrifjuta li tagħti aċċess għad-dokumenti mitluba (¹) taħt ir-Regolament dwar it-Trasparenza;
- tordna lill-Kummissjoni sabiex tagħti aċċess immedjat għad-dokumenti mitluba; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż legali u spejjeż oħra sostnuti minn Covington f'din il-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw ġumes motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni żbaljat meta bbażat ruħha fuq it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament dwar it-Trasparenza (²) sabiex tiġġustifika r-rifjut tagħha li tagħti aċċess għad-dokumenti mitluba.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li, anki fil-każz li t-tieni inċiż tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament dwar it-Trasparenza, jew kwalunkwe motiv ieħor ta' dan l-Artikolu 4 tiegħu, kien applikabbli, il-Kummissjoni naqset milli turi b'liema mod id-dokumenti mitluba kienu jissodisfaw ir-rekwiżiti.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni żbaljat meta bbażat ruħha fuq ir-Regolament dwar il-Komitoloġija (³) sabiex issostni r-rifjut tagħha li tagħti aċċess għad-dokumenti mitluba.